

Ħarġa numru 12: Settembru, 2013

# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Ħabib tiegħi kittieb, poeta u editur ta' ġurnal letterarju-kulturali fir-reġjun tal-Molise fl-Italja, Amerigo Iannacone, dan ix-xahar kiteb dwar l-għajbien silenzjuż mill-antoloġiji letterarji skolastiċi ta' kittieba u poeti ewlenin bħal Salvatore Quasimodo (Premju Nobel, 1959), Alfonso Gatto, Leonardo Sinisgalli, Leonardo Sciascia, Elio Vittorini, Libero De Libero u tant oħrajn, kollha min-nofsinhar tal-Italja. Dan fakkarni f'dak li qed iseħħ b'mod silenżjuż, minkejja dak kollu li jistgħu jgħidu ċerti wħud, fil-qasam lokali. Qed nirreferi għall-antoloġiji ta' poeżija u letteratura Maltija ġodda intiżi għall-istudenti tal-Malti. Qed jitwarrbu kittieba ta' ċerta importanza u kalibru biex minflok jidħlu x-xogħlijiet ta' oħrajn li "jappellaw għaż-żgħażagħ". Ta' min jingħad li kien hemm żmien meta kien qed isir xogħol biex antoloġija ta' poeżija Maltija ewlenija fl-istudju tal-Malti Intermedju u Avvanzat ikollha segwitu xieraq u b'hekk tkompli tissaħħaħ l-istampa ġenerali tal-poeżija Maltija mill-bidu sal-preżent. Kien proġett li inkluda bosta ismijiet ġodda fil-qasam tal-poeżija lokali, inklużi bosta żgħażagħ u nisa. Il-proġett b'xorti ħażina ġie abbandunat minkejja li kien wasal qrib tmiemu u dan minħabba raġunijiet differenti. F'dawn il-każi l-anġli kustodji għomorhom qasir. Jista' jinħass minn xi wħud li antoloġija bħal din għadda żmienha, forsi għax hija demokratika żżejjed u tinkludi fiha mal-107 poeta u poetessa (minkejja li dawn tal-aħħar fil-ktieb imsemmi huma rrappreżentati f'minoranza kbira), u mhux biss dawk li minn dejjem kellhom ir-riħ fil-qala'. Jista' jkun hemm min qed jaħseb biex antoloġija bħal din tiġi sostitwita minn ġabra ġdida, għażla ġdida, dejjem li "tappella għaż-żgħażagħ", antoloġija li żgur se tiġi ppreparata minn dawk li "l-ħobż jafu jogħmoduh". Nistaqsi: se jkollna antoloġija oħra magħmula minn xogħlijiet miktubin mis-soltu ismijiet, ħbieb tal-ħbieb, b'xi ftit ismijiet emerġenti, anki huma ħbieb tal-ħbieb? Se jkollna antoloġija oħra, b'introduzzjoni kritika li tgħidilna bl-ikbar awtorità li dawk rappreżentati huma l-aħjar poeti taż-żmien, stilel jgħammxu f'sema mdallam? Nemmen li filwaqt li għandna nagħtu spazju xieraq lill-ġdid, m'għandna qatt inwarrbu l-imgħoddi, f'dan il-każ is-sisien tal-letteratura tagħna, u lanqas naħbu l-vera sitwazzjoni li fiha tinsab din l-istess letteratura. Minkejja dak li jingħad, fil-qasam letterarju Malti hawn kemm kwalità kif ukoll varjetà. Żgur li m'għandu jkun hawn monopolji tal-ebda tip.

Kuntatt: **sammutpatrickj@gmail.com**

# L-AĦBARIJIET

## DWAR KUNJOMIJIET, ISMIJIET U LAQMIJIET

Nhar it-Tnejn, 29 ta' Lulju, ġewwa l-bitħa tat-Teatru Manoel, The Writers Club ikkolaboraw ma' Poeżijaplus għal serata bl-isem ta' *Laq(għa) mijiet—Mijiet ta' kunjomijiet, ismijiet u laqmijiet... u ftit tifsiriet*. It-tema kienet l-ismijiet (kunjomijiet u laqmijiet inklużi). Din il-lejla ħadet l-għamla ta' qari ta' testi b'karattri b'ismijiet interessanti. Kien hemm sessjonijiet ta' mużika, kif ukoll ta' diskussjoni dwar l-etimoloġija ta' ċerti kunjomijiet. Il-mistieden speċjali għal din il-parti kien Dr. Mario Cassar, espert fuq il-kunjomijiet. Dawk li attendew kienu mħeġġa jsaqsu dwar kunjomhom.

## IMUT IL-KITTIEB ELMORE LEONARD

Elmore Leonard miet fl-20 t'Awwissu li għadda, fl-età ta' 87 sena, f'Michigan, fl-Istati Uniti. Huwa kien ewlieni fost il-kittieba tar-rumanz tal-krimini fl-Amerka. Kiteb iktar minn 40 rumanz, fosthom *Swag* (1976), *Glitz* (1985), *Get Shorty* (1990), *Out of Sight* (1996), u *Be Cool* (1999). Kien juża lingwa diretta u sempliċi u bosta mill-istejjer tiegħu ġew aktar tard mibdula f'films ta' suċċess kbir bħal *Get Shorty* (1995) u *Jackie Brown* (1997).



**Il-kittieb Amerikan, Elmore Leonard.**

## IL-FESTIVAL TA' LETTERATURA MEDITERRANJA

Dan hu festival annwali li jlaqqa' għadd sabiħ ta' kittieba mill-Mediterran, inkluża Malta. Din is-sena infirex fuq tlitt ijiem, bejn id-29 u l-31 ta' Awwissu, u fih ħadu sehem kittieba bħal Karl Schembri, Denisa Mirena Piscu (Rumanija), Fahredin Shehu (Kosovo), Mazen Maarouf (Palestina), Angela Bonanno (Sqallija), Monique Roffey (Renju Unit/Trinidad), Immanuel Mifsud, Tsead Bruinja (Olanda), Maria Grech Ganado, Khaled Khalifa (Sirja), Nikola Madzirov (Maċedonja) u oħrajn. Il-Festival kien imżewwaq ukoll b'mużika, intervisti, qari ta' poeżija u viżjoni ta' films qosra. Din kienet inizzjattiva oħra ta' Inizjamed.

## LEJLA TA' POEZIJA FIR-RABAT, GĦAWDEX

Nhar is-Sibt, 31 ta' Awwissu, l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet Lejla ta' Poeżija u Mużika fil-Ministeru għal Għawdex, fir-Rabat. Is-serata kienet preseduta mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Anton Refalo. L-attendenza kienet tajba ħafna u dan seħħ anki bis-saħħa tal-għajnuna tal-kittieb, poeta u rappreżentant għal Għawdex tal-Għaqda Poeti Maltin, Charles Bezzina. Inqraw poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż, minn poeti ta' ġenerazzjonijiet differenti, fosthom ta' membri onorarji tal-Għ.P.M. bħall-Kelinu Vella Haber, il-Kan. Joe Mejlak, Ġianninu Cremona u l-mibki Marċell Mizzi. Ħadu sehem ukoll il-kantanti Josephine Marie Grima u Rosabel Pavia, il-kitarrist Joe Engerer, u l-flawtista, Charlene Portelli. Mexxiet il-Lejla, Miriam Ellul.



**Il-poeti , kantanti u mużiċisti li pparteċipaw fil-Lejla ta' Poeżija u Mużika f'Għawdex.**

# L-AĦBARIJIET

## IMUT SEAMUS HEANEY

Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Awwissu, miet il-poeta, drammaturgu, traduttur, lettur u rebbieħ tal-Premju Nobel fil-Letteratura 1995, Seamus Heaney. Fost kitbiet magħrufin tiegħu wieħed jista' jaqra *Death of a Naturalist* (1966), *Field Work* (1979), *The Spirit Level* (1996), traduzzjoni tal-*Beowulf* (1999), *District and Circle* (2006), u *Human Chain* (2010). Heaney twieled fit-13 t'April 1939 f'Castledawson, fl-Irlanda ta' Fuq, kien miżżewweġ u kellu tliet ulied.



**Il-kittieb Irlandiż Seamus Heaney.**

## KTIEB ĠDID MINN TERRY EAGLETON

Għadu kemm ħareġ ftit ġimgħat ilu mill-Università ta' Yale l-iktar ktieb reċenti tal-kritiku letterarju, għalliem u polemista, Terry Eagleton, bl-isem ta' *How to Read Literature.* Dan wara li s-sena l-oħra kien ippubblika mill-istess università, *The Event of Literature*. Bħala kritiku letterarju Eagleton għamel isem bil-ktieb *Literary Theory: An Introduction*, li ħareġ fl-1983. Fost l-ideat ta' Eagleton hemm dik li ssostni li l-letteratura hija funzjoni ta' fatturi ekonomiċi u b'hekk tkompli tifrex jew tiddegrada l-istruttura tal-klassi soċjali. F'*How to Read Literature* Eagleton jippreżentalna strateġiji bażiċi kif għandna napprezzaw il-letteratura.

## KUNSILL ĠDID GĦALL-AKKADEMJA TAL-MALTI

Nhar il-31 ta' Awwissu 2013 saret il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja tal-Akkademja tal-Malti f'Dar l-Ewropa u nħatar kunsill ġdid għas-sentejn li ġejjin. Olvin Vella nħatar President u l-membri l-oħra huma Joe Borg, Saviour Camilleri, Phyllis Debono, Dr George Farrugia, Victor Fenech, Reno Fenech, Inġ. Maurice Mifsud Bonnici, Achille Mizzi, Rita Saliba u Trevor Żahra. Matul il-laqgħa l-kunsill ta' qabel ressaq għadd ta' emendi għall-istatut li ntlaqgħu unanimament mill-membri preżenti. Nawguraw il-ħidma t-tajba lill-kunsill il-ġdid.



**Membri tal-Akkademja li attendew għall-LĠO**

## IL-PUNENT JURI IKTAR INTERESS FIL-LETTERATURA ĊINIŻA

Minn mindu l-kittieb Ċiniż, Mo Yan, rebaħ il-Premju Nobel fil-Letteratura (2012), l-interess fil-letteratura Ċiniża mid-dinja tal-Punent żdied. Id-dar tal-pubblikazzjoni Harper Collins reċentement xtrat ir-rumanz *Zu Jie* ta' Xiao Bai għal 60 elf sterlina biex tippubblikah fl-2015 bl-Ingliż, bl-isem ta' *French Connection.* Illum is-suq tal-ktieb Ċiniż hu l-ikbar fid-dinja. L-industrija ppubblikat 7.7 biljun ktieb fl-2011. Minn dawn 48 biegħu iktar minn miljun kopja; ħafna minnhom huma miktubin minn awturi Ċiniżi għal qarrejja Ċiniżi, imma hemm ukoll kotba tal-Punent maqluba fiċ-Ċiniż.

# L-INTERVISTA

## Achille Mizzi

***Achille Mizzi twieled f'Ħaż-Żabbar fid-19 ta' Frar 1939. Ħadem bħala għalliem fl-iskejjel elementari tal-Gvern, uffiċjal tad-Dwana, u kien involut fl-organizzazzjoni ta' bosta attivitajiet kulturali fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, fejn aktar tard laħaq Assistent Kap. Kien Segretarju tal-Presidenza ta' Malta (1994-2000) u fl-2011 inħatar bħala Membru tal-Ordni tal-Mertu. Wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju u awtur ta' għadd sabiħ ta' ġabriet ta' poeżija. Huwa rebaħ il-Premju Letterarju fl-1993, fl-1999 u fl-2008.***



**Minn fejn u meta twieled l-interess tiegħek fil-poeżija u fil-kitba in ġenerali?**

Jiena bdejt nikteb meta kelli xi sittax-il sena u kont għadni qed nistudja. B'xorti tajba kelli għalliema li huma stess kienu poeti tajbin... bħal Dun Frans Camilleri, Ġorg Zammit (ta' Wenzu u Rożi) u oħrajn. Dawn kienu jispjegaw il-poeżija tant tajjeb li nisslu fija mħabba għal-letteratura, li ma ħallietni qatt. Naturalment il-poeta jrid ikollu d-don mitwieled miegħu biex jikteb. Barra minn hekk irid ikun immaġinattiv u intellettwalment kreattiv. Irid ikun imkisser ukoll fis-sengħa tal-kitba, speċjalment fl-użu tal-kelma (il-lingwa). Fuq il-kreattività artisitika Francis Bacon kien qal hekk *"The creative process is a cocktail of instinct, skill, culture, and a highly creative feverishness..."*

**Min jaqra l-poeżiji tiegħek jeħtieġ dizzjunarju (l-aktar il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ) għax fihom hemm l-użu tal-Malti semitiku xi drabi arkajku, drabi oħra element qawwi tal-Malti li ġej mit-Taljan, anki erudit. Xi tgħid dwar dan?**

Hija sfortuna kbira għan-nazzjon tagħna li sezzjoni ġmielha miż-żagħżagħ Maltin qed jitilfu l-mezz tal-komunikazzjoni li ħallewlna missirijietna. Jien ngħid għalija dik il-lingwa li nikteb biha hija dik l-istess lingwa, sabiħa, pura u naturali li tawni ommi u missieri. Jekk in-nies tal-lum tilfu ċerti idjomi u espressjonijiet li kellna f'żgħożitna jfisser li l-ispektrum tal-esperjenzi strettament Maltin qed jidjieq u jintilef. Jiena nħossni kburi għal kif irnexxieli ħafna drabi nżewweġ l-element semitku u dak romanz u nagħmel minnhom għodda artistika tal-ogħla espressjoni poetika.

**Inti fost dawk il-poeti moderni li għażlu jiktbu versi mirqumin u neqsin minn lingwaġġ oxxen, sensazzjonalist u li jdarras bla ebda skop ulterjuri. Xi tgħid dwar din l-għażla tiegħek?**

Qatt ma emmint f'mezz irħis bħall-oxxenità biex inbigħ lili nnifsi. Dan jgħodd wisq aktar meta l-awtur jinqabad biċ-ċar li qed ideffes dawn l-elementi barra minn lokhom bħala pretest. Dan ma jfissirx li f'ċerti poeżiji minn tiegħi ma kontx senswali għall-aħħar. Imma pornografiku ma kont qatt. Għannejt dak li Oliver Friggieri sejjaħlu *l-innu lis-senswalità u l-poeżija tas-setgħat passjonali.* Dan il-kritiku kbir ikompli jżid li l-poeżija tiegħi...*tinżel fis-saffi tal-ispirtu bis-saħħa tal-istess senswalità. Jekk jitgħaqqdu ż-żewġ naħiet l-iżjed imbiegħda ta' din il-viżjoni, tista' tinstab is-sintesi: il-profondità qaddisa tas-senswalità, jew is-senswalità ta' kull ma huwa fundamentali fl-eżistenza.*

**(L-Intervista sħiħa tista' tinqara fil-ħolqa: http://patrickjsammut.blogspot.com/2013/09/intervista-mal-poeta-achille-mizzi.html)**

# IL-ĦTIEĠA TAT-TRADUZZJONI LETTERARJA MINN LINGWI BARRANIN

**Paul Zahra**

Il-letteratura bħall-arti ma taqax taħt il-limitazzjonijiet tad-distanzi u taż-żminijiet. Hi f'kull sens universali għax tappartjeni għall-umanità kollha u mhux biss għall-ilsien li oriġinalment tinkiteb bih. Madankollu b'kuntrast mal-arti viżiva, id-diversità tal-lingwi jagħmluhielna impossibbli li naqraw kull xogħol letterarju bil-lingwa oriġinali u minħabba dan toħroġ bla ambigwità ta' xejn l-importanza tat-traduzzjoni.

Jekk pajjiż japprezzax jew le t-traduzzjoni letterarja bi lsienu jiddependi minn kif iħares lejn il-qari u lejn ilsien pajjiżu. Popli li għandhom id-drawwa li jaqraw mhux biss ix-xogħlijiet ta' awturi nattivi iżda dawk ta' awturi barranin japprezzaw is-siwi tat-traduzzjoni. Dan jidher ċar mill-għadd kbir ta' kotba ta' kull ġeneru li jiġu tradotti għall-Ingliż, il-Franċiż, it-Taljan, il-Ġermaniż, l-Ispanjol eċċ. Hu fatt li ħadd ma jista' jiċħdu li meta wieħed ma jafx jaqra jew jifhem sew xogħol b'lingwa barranija ta' bilfors ikollu jirrikorri għat-traduzzjoni biex jirnexxilu jagħmel dan. Madakollu, id-differenza bejnna l-Maltin u popli oħrajn b'lingwi – b'industrija u tradizzjoni ta' pubblikazzjoni stabbiliti – hi li bosta minna nippreferu nagħżlu li naqraw traduzzjoni ta' xogħlijiet ta' awturi barranin aktarx bl-Ingliż jew b'lingwa oħra milli bil-Malti. Dan jirriżulta bla dubju ta' xejn mill-bilingwiżmu ta' pajjiżna, min-nuqqas ta' interess fil-qari b'mod ġenerali, u sfortunatament mill-istigmatizzazzjoni li l-Malti mhux kapaċi jwassal is-sbuħija u l-ekwivalenza letterarja ta' xogħlijiet miktubin b'ilsna barranin. Il-ftit tradutturi Maltin li lesti jittraduċu xogħlijiet letterarji bil-Malti jista' jkun ukoll fattur ieħor għan-nuqqas ta' traduzzjonijiet ta' awturi barranin. Jeħtiġilna għalhekk nibdlu l-mentalità tagħna u nibdew napprezzaw li traduzzjoni bil-Malti mhux biss hi valida daqs traduzzjoni b'lingwa oħra li kapaċi naqraw biha iżda toffrilna wkoll is-sodisfazzjon li naqraw u nħaddmu lsien pajjiżna.

Ma nkun qed ngħid xejn ġdid jekk ngħid li l-kuntest limitat tax-xogħlijiet letterarji bil-Malti ma jippermettilniex għażla kbira. Madankollu dan in-nuqqas ta' materjal ta' qari bil-Malti jista' jimtela b'xogħlijiet tradotti. B'hekk kulma nkunu qed nagħmlu hu li nimportaw kapolavuri letterarji minn pajjiżhom u niddomestikawhom għall-ħtiġijiet tagħna. Fuq naħa, fost dawn il-ħtiġijiet hemm dik li ħafna drabi dawk li jħobbu jaqraw bil-Malti ma jsibux biżżejjed kotba bil-Malti li jissodisfawlhom xewqithom u jokkupawlhom il-ħin disponibbli tagħhom għall-qari. B'hekk jispiċċaw jirrikorru għal qari bi lsien barrani. Fuq in-naħa l-oħra hawn minn iqis li t-traduzzjoni ta' xogħlijiet barranin bħala theddida għall-awturi Maltin! Meta kont qed infittex pubblikatur għall-ewwel rumanz tradott minni skantajt bis-sħiħ meta bosta pubblikaturi wrew li kienu kontra t-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji; kien hemm min qalli li r-riżorsi li għandhom lesti jużawhom biss għat-talent Malti. Bħallikieku t-talent Malti hu mhedded mit-traduzzjoni! Jew inkella bħal dak li qallu tradutturi bħal Saydon u Xuereb ma kkontribwixxewx għat-talent Malti! Kittieb jew pubblikatur ta' vera ma għandux jara t-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji barranin bħala theddida. Ftit huma l-awturi barranin kbar li ma jaqrawx jew li ma qrawx xogħlijiet letterarji tradotti bi lsienhom. Nasal biex ngħid ukoll li ma jipprovawx jew ipprovawx jittraduċu huma stess xogħlijiet tal-awturi preferiti tagħhom, u li fl-aħħar mill-aħħar jispiċċaw jinfluwenzawlhom kitbiethom. Għalhekk, hi tassew sfortuna li min jitħajjar jikteb bil-Malti s'issa ftit li xejn jista' jgawdi mit-traduzzjoni bil-Malti ta' bosta mill-awturi barranin u japprezza verament kemm it-traduzzjoni hi importanti għalih. Minn dan il-lat sakemm is-sitwazzjoni tibqa' dik li hi l-kittieb Malti jinsab tassew tellief. Insemmi biss aspett wieħed: il-livell ta' intertestwalità li jista' jħaddem ir-rumanzier lokali. Jekk dan bħall-awturi barranin ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu x-xogħlijiet letterarji bi lsienna żgur li jkun jista' jtejjeb il-livell tax-xogħlijiet letterarji tiegħu. L-intertestwalità fost affarijiet oħrajn tiġġenera l-letteratura però din tista' tkun aktar effettiva jekk preferibbilment tittieħed minn xogħlijiet tradotti jiġifieri tkun intertestwalità intralingwistika aktar milli interlingwistika.

L-għażla tiegħi li nittraduċi xogħlijiet minn awturi Franċiżi hi pjuttost marbuta ma' dak li qed jingħad hawn fuq u mal-importanza tat-traduzzjoni fl-iżvilupp letterarju. S'issa ttraduċejt għall-Malti r-rumanz *Meaulnes it-Twil*/*Le Grand Meaulnes* ta' Alain-Fournier u n-novella *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu*/*La maison du chat-qui-pelote* ta' Balzac. Is-sena d-dieħla biħsiebni nippubblika r-rumanz klassiku *Salammbô* ta' Gustav Flaubert bħala t-tieni ktieb fis-seniela *Traduzzjonijiet Kotba Letterarji*. Ma kontx nasal għal-livell tat-traduzzjoni ta' *Salammbô* li kieku ma' żammejtx quddiemi t-traduzzjoni biblika ta' Saydon u t-traduzzjonijiet tal-epiċi Griegi ta' Xuereb. Ix-xogħlijiet letterarji li s'issa ttraduċejt kollha ġew tradotti f'lingwi oħrajn għaliex dawn jagħrfu l-vantaġġi li wieħed jakkwista meta jaqrahom bi lsien pajjiżhom. Kull meta qarrej jaqra b'lingwa li mhix tiegħu ma jkunx qed jagħmel għajr traduzzjoni mentali ta' dak li jaqra; għalhekk meta hu jaqra t-traduzzjoni Ingliża ta' ktieb ngħidu aħna bil-Franċiż ma jkunx qed jagħmel mentalment għajr it-traduzzjoni ta' traduzzjoni. F'dan is-sens it-traduzzjoni bil-Malti ta' rumanz Franċiż toqrob aktar lejn ix-xogħol oriġinali meta qarrej Malti jaqrah bil-Malti u mhux b'lingwa oħra.

In-nuqqas ta' traduzzjoni letterarja bil-Malti għadu joħloqilna lakuna li lingwi barranin ilhom li ħasbulha. Nagħlaq billi nistaqsi xi ħtieġa kellu l-Ingliż li jittraduċi 'l fuq minn disgħin biċċa xogħol letterarja ta' Balzac kemm f'ħajtu kif ukoll wara mewtu meta bħala lingwa hu mogħni b'letteratura hekk rikka? B'liema mod mela nistgħu niġġustifikaw li ħtiġijietna f'dan ir-rigward għandhom ikunu anqas minn dawk ta' ħaddieħor?

**classicu@live.be**

# SID JEW SKJAV?

**Therese Pace**

Nies, kemm inħossni importanti! Jien, il-mowbajl, biċċa inġenju li bilkemm nidher ħdejn kobor il-bniedem imma li jien tant abbli hekk li għandi ħila nġennu għax ngħaddih fil-ħila tiegħi. Jiena sirt l-ispalla ta' min xtrani, il-ħabib, l-essenzjal li mingħajru ma jgħaddix. Sar jistrieħ fuqi għal kollox donnu biex ifarfar minn fuq spallejh ħsebijiet żejda li jtaqqlu l-moħħ donnu li l-bniedem ma jridx iktar jerfa' l-piżijiet tiegħu jew ma jiflaħhomx iktar. Jew, min jaf, forsi t-tnejn.

Imma ħa ngħidilkom sewwa sewwa għaliex u kif iltqajt ma' dan ħabibi. Darba minnhom, wara l-ewwel għajta li kien dabbar mingħand ommu għax kien dam barra żżejjed, skont hu mhux jitbaħrat imma jieħu siegħa bażż, kien iddeċieda li jeħtieġni biex infakkru dak li kien jinsa hu għax moħħu kien żurżieqa jew għax meta kien ikun fil-kumpannija ta' sħabu kien jinsa l-jum u l-ħin. Wara li dam jittawwalli ma nafx kemm fl-armatura, daħal fil-ħanut u ċumm paqq! "Dak irrid," qallu lil sid il-ħanut. Ħadni f'idu u mill-ewwel beda jmellisni b'idejh torja u roża donnhom tas-salamun. Fetaħli l-għatu li kien jipproteġini mid-daqqiet bla bżonn u beda jbagħbas fija mill-ewwel. Kemm hu kurjuż, għedt f'qalbi dak il-ħin, jien u hu se mmorru tajjeb flimkien għax jien il-kurżitajiet nikolhom bil-ħobż u naħżinhom ġewwa fija bħal teżori. Ħeqq, qatt ma taf meta ser tiġi bżonnhom fil-ħajja!

Smajtu jgħid li se jibdilli ismi minn *iPad* għal Bażużlu. Iktar jixraqli, qal, peress li kelli nkun il-bażużlu tiegħu, jiġifieri dak li jitolbu x'jitolbu kien jagħtihulu u li kellu jaqdih f'kollox. Iktar ftuħ u tmellis meta wasal id-dar għamilni għani u mimli mhux ħażin għax għabbieni bl-informazzjoni kollha biex jekk nintilef isibni f'qasir żmien. Tal-ġenn man! X'lussu! Bilfors li kellu bżonni bħall-ħobż, għedt f'qalbi. Imbagħad biex qatt iktar ma jisma' l-qrid t'ommu, tani l-ħin li fih irrid infakkru biex imur lura d-dar kull nhar ta' Sibt filgħaxija billi ndoqqlu qanpiena ċkejkna, id-data ta' għeluq snin ruxxmata nies li għalih kienu importanti, il-ħin fi xħin inqajmu għall-iskola kull filgħodu u ġagħalni wkoll niftakarlu n-numri tat-telefon ta' sħabu u ta' dawk kollha li f'ħajtu kienu jfissru xi ħaġa jew oħra. Mhux hekk biss, imma minħabba l-kapaċitajiet tiegħi li nurih il-ġmiel u l-kobor tad-dinja ta' madwaru permezz tal-internett, ta' spiss jitlobni nagħtih ir-rapporti dwar xi kurżitajiet li jkollu jew dwar xi kalamità li tinħoloq fid-dinja ta' hemm barra, bħal ngħidu aħna xi terremot, xi gwerra, xi tsunami jew x'naf jien. Saħansitra n-numri tal-lottu jitlobni nitkixxiflu għal missieru nhar ta' Sibt u r-riżultati tal-logħbiet tal-futbol lokali. Ara kemm jien bravu u avangardista! Sa hemm kieku mhux wisq, niflaħ inġorrlu dan il-piż fuq spallejja, imma li jgħabbini b'ħafna numri jew formuli kif sejħilhom hu biex waqt l-eżami tas-somom u l-fiżika ma jinsihomx, dan qerq ngħidlu jien u jien rett, ma niħux gost inqarraq. Kif lanqas ma nippermettilu jużani biex iweġġa' jew idejjaq lil ħaddieħor. Naħseb li hawn inkorru ħabib! Għal dil-ħaġa għandi soluzzjoni wkoll. Jien ħadd ma jdaħħalni fix-xkora jew f'xi basla xbin. Meta taqbiżli niddeċiedi li nitħabbel fija nnifsi, nitgerfex u hekk ingerfex lilu wkoll. Malajr insiblu tarfu jien jekk ikun hemm bżonn!.

Bilħaqq, ilbieraħ kelli biċċa xogħol importanti tassew. Bħas-soltu wassaltlu messaġġ li milli jidher kien speċjali għax wara li qrah ħassejt idu tirtogħod u biesni fuq xofftejja bid-dehwa li kellu. Min jaf x'kien dal-messaġġ hekk importanti għax lili ma jħallinix naqra dak li nwassallu, jgħid li dawk affarijiet privati u tiegħu biss u għalhekk m'għandix dritt inkun naf dawk l-affarijiet li mhumiex tiegħi. Biex inġorrhom u nwassalhom biss qiegħed jien, il-pastaż tiegħu. Tgħid kienet xi aħbar sabiħa li għadda minn xi eżami importanti? Tgħid xi messaġġ mingħand xi firilla li ħadet grazzja miegħu? Eh, issa xi ħaġa hekk nistennew, qed jikber hux, wasal fuq l-għatba tar-Rebbiegħa ta' ħajtu. Nittama li meta jsib is-sieħba ideali lili ma jinsinix ħej, wara dak kollu li għamilt u għadni nagħmel miegħu u wara dawk il-messaġġi kollha li naħseb li jkolli nwasslilha jekk u meta jsibha.

Dil-ġimgħa kelli l-opportunità li nsir naf kemm niswielu u kemm sar miġbud lejja. Daħal f'ħanut jixtri u bl-aljenazzjoni li kellu biex ifittex jitlaq 'il barra, insieni warajh fuq il-bank tal-ħanut. Ippruvajt inpespislu imma ma semagħnix. Tal-ħanut ħatafni bil-għaġla u mgħarraq li hu qafilni f'kexxun.

Imma l-għada filgħodu ġie jiġri sidi u salvani. Kemm feraħ meta sabni mill-ġdid. Kemm mellisni, kemm dawwar u qalleb fija biex jara kellix xi messaġġ għalih. Kemm ħassejtni utli u importanti dak il-ħin. Naħseb li rnexxieli nagħmel minnu skjav tiegħi. Mil-lum 'il quddiem meta jfettilli jien insejjaħlu u tarah ġej jiġri ħdejja biex jara x'jonqosni. Mil-lum 'il quddiem niddetta jien għax intbaħt li mingħajri ma jgħaddix u għalija jagħmel kollox. Imma, kos, jien ngħaddi mingħajru? Fil-verità, minna t-tnejn, min hu s-sid u min l-iskjav?

# IL-POEŻIJI

**DAWL**

Bħal qawwa
fgata f'ċilindru dejjaq
marsus kien l-univers fi traba ċkejkna.
Inferaq is-smewwiet. Mill-berqa għammiexa
elf xemx ittajret għal ġol-baħħ,
elf dinja.
X'imkien fil-beraħ wiesa'
fiż-żmien imdendel li ma fihx qisien
tgedwed il-ħamba ta' ponn trab imsejken,
il-ħsejjes imbegħdin t'elf saltna kbira
mirduma taħt ir-ramel,
il-bikja mdemma tal-imjassar sieket,
il-weġgħa tat-twellid,
il-karba ta' min jagħnet u min jishar,
l-għajta tal-mewt li jislet
il-fomm imberraħ fl-aħħar nifs tal-ħajja.
Mill-għoli wasal issa
id-dawl ta' kewkba ġdida
li nżergħet fis-smewwiet miljun sena ilu.

**ACHILLE MIZZI**

**TAQBILIET**

Dak l-insett żgħir u ħamrani,
Li ngħidulu nanna kola,
Ilni ħafna ma nara bħalu,
Minn tfuliti, żmien l-iskola.

Il-frawli nħobbu ħafna,
Għandu togħma eċċellenti,
Ta' Marjan l-aqwa fis-suq,
U bnin bħalu, qatt ma dduq.

Għandi aptit norqod raqda,
Fil-fond, u ndum ma nqum,
Għax xbajt, issa rrid nieqaf,
Minn dil-ħidma ta' kuljum.

**CHARMAINE TANTI**

**IT-TLIETA 2 TA' NOVEMBRU 2004**

Mewt, qerda, tmiem.
Kollha l-istess ħaxu.

Mara sbejħa liebsa vjola
għada flgħaxija
tiġi għalija
biex teħodni norqod magħha f'sodda waħda
ħalli mad-daqq ta' nofsillejl
tistampali fuq xofftejja
bewsa sħuna
bewsa dejjiema
b'togħma ta' sliema.

Imbagħad
ma nqumx aktar minn dik is-sodda.

**ALFRED MASSA**

**UE**

F'dawn is-swali 'mpestati
hemm żdrajjati fuq is-sodod infettati
bil-flus tal-ewros inkallati
Sarkozy u Merkel
Gonzi u Berlusconi
Zapatero u Cameron
u bħal dbieb tax-xitan infurjati
b'għajnejhom sporġuti 'l barra
bħal stallett fil-fond tal-ġewwieni jnawru
u jien bħal ħaruf tari u safi
nkiss inkiss fuq ponot subgħajja
lejhom nersaq qajla qajla
u l-polz inħossilhom
u nisma' biss lil qalbi tħabbat.

**ANDREW SCIBERRAS**
**(Minn *Frammenti minn Moħħi*, 2013)**

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***VARIEGATED PANSIES/VIOLE DEL PENSIERO VARIEGATE*** **ta' Maurice Mifsud Bonnici, Malta 2013.**

Din hija ġabra ta' poeżiji bilingwi (Ingliż u Taljan) miktubin minn dan il-kittieb u poeta ta' sengħa u esperjenza kbar li llum jgħodd mat-87 sena. Fid-daħla kritika l-Prof. Oliver Friggieri jikteb hekk: "All his poems are somehow related, not simply structurally, as solid, verbal composite forms of expression, but also textually. Recurring themes somehow relate each poem to the rest, and all eventually constitute one composite set of pages, a sort of diary which is one formidable declaration of sentiments and values." Dan huwa poeta li fl-versi tiegħu għandu kemm mit-tradizzjoni Romantika kif ukoll mill-influwenzi tal-poeżija moderna u kontemporanja. Jitħaddmu xbihat mill-isbaħ, b'Ingliż u b'Taljan impekkabbli.




***TĦARBIX*** **ta' Salv Sammut, Malta 2013.**

Din hija t-tielet ġabra poetika ta' Salv Sammut li llum huwa anki Segretarju tal-Għaqda Poeti Maltin. Fiha nsibu miġburin 60 poeżija li jittrattaw temi diversi. Il-ktieb għandu bħala daħla erba' kummenti kritiċi qosra miktubin mill-pinna tal-Prof. Oliver Friggieri, Patrick Sammut, Therese Pace u Alfred Palma. Kif tikteb Therese Pace, fil-versi ħielsa ta' Sammut naraw il-poeta ħassieb, il-vjaġġatur solitarju, l-idealist, il-kritiku. Pace tkompli: "jinħass qawwi ferm l-element sfidant ta' Sammut li ma jiddejjaq xejn ikun differenti billi jimxi għal riħu biex ma jinġarrx mill-kurrent tal-liberaliżmu sfrenat u ma jitteħidx mill-umanità msewsa ta' madwaru." Palma jikteb: "jinħass sewwa s-sens ta' altruwiżmu li l-poeta jħoss (u jemmen) li hu essenzjali, jekk xi darba dak li joħlom bih jista' jasal li jseħħ."




***OSSESSJONI*** **ta' Carmel Scicluna, Pubblikazzjoni Merlin Publishers Ltd., 2013.**

Dan hu rumanz ta' 155 paġna li bih Carmel Scicluna rebaħ l-Ewwel Premju tal-Konkors Letterarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb/Aġenzija Żgħażagħ. L-ewwel impressjoni ta' min jibda jaqra dan ir-rumanz hi li Scicluna b'xi mod jew ieħor telaq minn xogħlijiet klassiċi dinjija bħalma huma *Lolita* ta' Nabakov u *The Satanic Verses* ta' Salman Rushdie, żewġ kittieba għal qalbu ħafna. Imma aktar ma wieħed jaqra aktar jinduna li Scicluna jirnexxilu jżid minn tiegħu u b'hekk jagħti lil dan xogħlu, ambjentat fiċ-ċokon ta' Ħal Qormi, laqta oriġinali. Jinħass il-konfront (jew djalettika) bejn il-kbar u ż-żgħar, filwaqt li Scicluna ma jiddejjaq xejn jinkludi esperjenzi tabù li jgħaddu minnhom it-tfal kemm id-dar kif ukoll l-iskola. Bħal dejjem, Scicluna huwa osservatur attent ħafna tal-komportamenti tas-soċjetà Maltija u, fejn hemm bżonn, ma jiddejjaq xejn juża lingwaġġ li jista' jdarras jew jolqot fil-laħam il-ħaj.